MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 252/2007

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**JOSEPH BORG**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Joseph Borg maghruf ukoll bhala Josef Borg, ta' 27 sena iben George u Mary nee' Ebejer, imwieled Pieta` fit-12 ta' Jannar 1980, residenti 'Farmhouse' Hal Farrug, Limiti ta' Hal Luqa, Luqa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 312687(M), gie akkuzat talli :

Fl-4 ta' Mejju 2000 u fi zminijiet ta' wara f'dawn il-gzejjer, xtrajt, kellek fil-pussess tieghek, jew mexxejt biljetti ta' flus iffalsifikati u cioe` karti tal-flus Maltin, ghad-detriment ta' Natalino Falzon minn Balzan kif ukoll il-kumpanija Electro Water Supplies ta' Hal-Qormi, u dan bi ksur tal-Artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-24 ta` Ottubru 2014 sabiex dan il-kaz jgi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess 2 ta' Dicembru 2014, wara l-qari ta` l-akkuza bil-gurament u waqt l-ezami, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, f'liema ammissjoni huwa ippersista anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u tad-difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta` llum stess 2 ta` Dicembru 2014, illi l-kaz kien jitratta karta wahda ta` l-LM20 u li l-prosekuzzjoni kienet sodisfatta bid-dikjarazzjoni ta` l-imputat illi huwa ma kienx jaf li tali karta ta` l-LM20 kienet effettivament falsifikata.

Ghal finijiet ta` kjarezza, din il-Qorti tippuntwalizza illi dawn l-atti, li kienu gew intavolati fit-28 ta` Marzu 2007, gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta propju fix-xahar ta` Awwissu 2013.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali ta` l-imputat;
b. l-ammissjoni ta` l-imputat;
c. il-fatt tad-dewmien biex tigi indirizzata din il-kawza, fatt li din il-Qorti kif presjeduta ma ghandhiex kontroll fuqu;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Joseph Borg, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 45 u 46 [partikolarment il-*proviso* tal-Artikolu 45(1)] tal-Kapitolu

204 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Joseph Borg hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) xhur mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Joseph Borg fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------